***FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR***

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

***GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.***

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju 2002**

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 1328/02 EG**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Margaret sive Marget Karen Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit -23 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi ikkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta' mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm196) rappresentanti erba kambjalijiet ta' disa u erbghin liri maltin (Lm49) kull wahda li mmaturaw fit-3 ta' kull xahar bejn Frar u Mejju 2002.

Bl-ispejjez, legali u gudizzjarji inkluzi il-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju kontra l-konvenuta u bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita’ tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ John Sultana, ghan-nom tal-attur nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta’ mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm196) bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita’ tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz l-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**